

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000017/2022**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

**Jacek Saryusz-Wolski**

f'isem il-Grupp ECR

Suġġett: Il-ksur tal-istat tad-dritt mill-Ġermanja u Franza billi kisru l-embargo tal-UE fuq l-esportazzjonijiet tal-armi lejn ir-Russja

F'Marzu 2022, artikli ppubblikati minn Disclose u Investigate Europe rrappurtaw li minkejja l-embargo tal-UE fuq il-forniment tal-armi lir-Russja li ilu fis-seħħ mill-2014, Franza esportat armi lejn ir-Russja b'valur ta' EUR 152 miljun u l-Ġermanja forniet lir-Russja b'taġmir militari b'valur ta' EUR 121.8 miljun.

Billi evitaw il-projbizzjoni tal-UE fuq il-forniment tal-armi, Franza u l-Ġermanja kienu involuti f'korruzzjoni strateġika u appoġġaw lir-reġim Russu li qed jikser id-dritt internazzjonali, qiegħed fi gwerra kontra l-Ukrajna, u jaġixxi kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha. Għalhekk, huwa ġġustifikat li nsostnu li kemm Franza kif ukoll il-Ġermanja kisru l-valuri tal-UE u, b'mod partikolari, kisru b'mod flagranti l-istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Għaldaqstant, dawn l-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura speċifikata fl-Artikolu 7 tat-TUE.

Barra minn hekk, billi kisru l-embargo tal-UE, Franza u l-Ġermanja pperikolaw lill-UE, lis-sigurtà u lill-interessi tagħha, inklużi l-interessi finanzjarji tagħha. L-Artikolu 4(1) tar-Regolament 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni jistipula li "[g]ħandhom jittieħdu miżuri xierqa fejn jiġi stabbilit skont l-Artikolu 6 li ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod suffiċjentement dirett".

Fid-dawl ta' dan:

1. Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati kif stipulat fl-Artikolu 17 tat-TUE, bdiet investigazzjoni bil-ħsieb li tnedi l-proċedura skont l-Artikolu 7 tat-TUE għall-ksur tal-istat tad-dritt minn Franza u l-Ġermanja minħabba l-ksur tagħhom tal-embargo tal-UE?
2. Il-Kummissjoni investigat u ċċarat jekk il-kumpaniji involuti fil-forniment tal-armi lir-Russja bi ksur tal-embargo tal-UE bbenefikawx minn fondi tal-UE jew minn xi forma oħra ta' sussidju jew għotja mill-baġit tal-UE?
3. Jekk jiġi kkonfermat li l-kumpaniji msemmija hawn fuq ibbenefikaw minn finanzjament mill-UE, il-Kummissjoni meta se tnedi proċeduri previsti fir-Regolament 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra Franza u l-Ġermanja b'reazzjoni għall-azzjonijiet tagħhom li jiksru l-liġi tal-UE?

Imressqa: 10.5.2022

Skadenza: 11.8.2022